

RAPPORT DWAR ID-DRITTJIET FUNDAMENTALI – 2021

Is-sena 2020 ġabet magħha kemm progress kif ukoll ostakli f'termini ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. *Ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2021* tal-FRA jirrieżamina l-iżviluppi ewlenin fil-qasam, filwaqt li jidentifika kemm il-kisbiet kif ukoll l-oqsma ta' t'ħassib li fadal. Din il-pubblikazzjoni tippreżenta l-opinjoni tal-FRA dwar l-iżviluppi ewlenin fl-oqsma tematiċi koperti u taqsira tal-evidenza li tappoġġja dawn l-opinjoni. Meta tagħmel dan, hija tipprovdi ħarsa ġenerali kompatta iżda informattiva tal-isfidi ewlenin tad-drittijiet fundamentali li qed tiffaċċja kemm l-UE kif ukoll l-Istati Membri tagħha.

OPINJONIJIET TAL-FRA

1 [FOKUS]

Il-pandemija tal-Coronavirus u d-drittijiet fundamentali: sena taħt rieżami

4

Implimentazzjoni u użu tal-Karta fil-livell nazzjonali

7

Ugwaljanza u nondiskriminazzjoni

10

Razziżmu, ksenofobija u intolleranza relatata

13

Ugwaljanza u inklużjoni tar-Rom

16

Ażil, viżi, migrazzjoni, fruntieri u integrazzjoni

19

Soċjetà tal-informazzjoni, privatezza u protezzjoni tad-data

22

Drittijiet tat-Tfal

25

Aċċess għall-ġustizzja

27

Żviluppi fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità



Il-manuskritt tlesta f'April 2021.

La l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u lanqas xi persuna li taġixxi f'isem l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ma huma responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li ġejja.

Il-Lussemburgu: Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021

Print	ISBN 978-92-9461-294-6	ISSN 2467-2580	doi:10.2811/090598	TK-AM-21-001-MT-C
PDF	ISBN 978-92-9461-279-3	ISSN 2467-2815	doi:10.2811/053161	TK-AM-21-001-MT-N

© L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, 2021

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata sakemm jissemma s-sors oriġinali.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew ta' materjal ieħor li ma jkunx taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, irid jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Krediti għar-ritratti:

Qoxra: © iStock/Joel Carillet; © Gettyimages/FG Trade; © iStock/DNY59; © FRA

Paġna 1: © xavierarnau/iStock

Paġna 2: © Fundación Secretariado Gitano (FSG)

Paġna 3: © Shutter B/Adobe Stock

Paġna 4-5: © FRA

Paġna 7: © Cate Gillon/Getty Images

Paġna 8: © utlanov/Adobe Stock

Paġna 9: © NurPhoto/Getty Images

Paġna 10: © Satjawat/Adobe Stock

Paġna 11: © Lidia_Lo/Adobe Stock

Paġna 12: © Kypros/Alamy Stock Photo

Paġna 13: © Nigel Crump/Alamy Stock Photo

Paġna 14: © ton koene/Alamy Stock Photo

Paġna 15: © Pierre Andrieu/AFP via Getty Images

Paġna 16: © Angelos Tzortzinis/European Union

Paġna 17: © Marcello Paternostro/European Union

Paġna 18: © Sean Gallup/Getty Images

Paġna 19: © bluesdesign/Adobe Stock

Paġna 20: © Monopoly919/Adobe Stock

Paġna 21: © Sikov/Adobe Stock

Paġna 22: © New Africa/Adobe Stock

Paġna 23: © silkfactory/iStock

Paġna 25: © kumikomini/iStock

Paġna 26: © RomanR/Adobe Stock

Paġna 27: © Tommy Larey/Adobe Stock

Paġna 28: © elypse/Adobe Stock

Paġna 29: © H_Ko/Adobe Stock

IL-PANDEMIJA TAL-CORONAVIRUS U D-DRITTJIET FUNDAMENTALI: SENA TAĦT RIEŻAMI

Hekk kif il-pandemija tal-COVID-19 infirxet mad-dinja kollha, l-awtoritajiet fl-Unjoni Ewropea kollha adottaw bosta miżuri restrittivi sabiex jiproteġu l-ħajja u s-saħħa tan-nies. Dawn interferixxew ma' firxa wiesgħa ta' drittijiet fundamentali, bħad-drittijiet għal moviment u ta' għaqda; għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja, inkluża l-protezzjoni ta' data personali; u għall-edukazzjoni, għax-xogħol u għas-sigurtà soċjali. Il-pandemija u r-reazzjonijiet li skattat komplew jgħarrqu l-isfidi u l-inugwaljanzi eżistenti fl-oqsma kollha tal-ħajja, speċjalment dawk li jaffettwaw lil gruppi vulnerabbli. Dan wassal ukoll għal żieda fl-inċidenti razzisti. Approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem sabiex tiġi indirizzata l-pandemija jeħtieġ miżuri bbilanċjati li jkunu bbażati fuq il-liġi, neċessarji, temporanji u proporzjonali. Jeħtieġ ukoll li jiġi indirizzat l-impatt soċjoekonomiku tal-pandemija, filwaqt li jiġu protetti l-persuni vulnerabbli u jiġi miġġieled ir-razziżmu.

Il-pandemija u l-miżuri adottati sabiex din titrażżan affettwaw serjament l-aspetti kollha tal-ħajja personali u kollettiva tagħna, inkluż il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi tagħna, hekk kif muri mill-evidenza. Il-pandemija żvelat sfidi ġodda sabiex jitħarsu l-valuri fundamentali tal-funzjonament tal-istati tagħna u tal-Unjoni Ewropea. Għandha implikazzjonijiet għad-drittijiet fundamentali tagħna. Ir-restrizzjonijiet għandhom impatt fuq l-interazzjoni personali u soċjali tagħna, u fuq il-protezzjoni tad-data personali sensitiva tagħna. Fl-istess ħin, il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-pandemija se jkunu dejjiema u se jaggravaw b'mod sinifikanti l-inugwaljanzi li diġà jeżistu.



Kif bosta saħqu fil-livelli internazzjonali, tal-UE u nazzjonali, huwa essenzjali li l-miżuri ta' emerġenza u restrittivi jirrispettaw bis-sħiħ l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt, peress li l-istrumenti internazzjonali jnaqqxuhom u l-każistika rilevanti ssawwarhom. Numru kbir ta' dokumenti minn sorsi awtorevoli identifikkaw dawn l-istandards, li jipprovdu gwida lill-inkarigati dwar kif jistgħu jiġu protetti aħjar id-drittijiet tal-persuni għall-ħajja u għas-saħħa mingħajr ma jtellfu d-drittijiet l-oħrajn kollha tagħhom.



L-OPINJONI 1.1 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jivalutaw u jibbilanċjaw ir-rekwiżiti tad-drittijiet fundamentali u tal-bniedem differenti meta jadottaw miżuri restrittivi f'emerġenza, bħal dik ippreżentata mill-pandemija tal-COVID-19. Sabiex jilħqu dan il-bilanċ, għandhom iqisu l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u fundamentali, inkluża l-każistika rilevanti u l-gwida mill-korpi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Huma għandhom jinvolve wkoll lill-korpi statutorji nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem meta jfasslu, jimplementaw, u jimmonitorjaw miżuri restrittivi. Dawn il-miżuri għandhom ikunu neċessarji, temporanji u strettament proporzjonati.

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-miżuri restrittivi jkunu bbażati fuq il-liġi u li l-qrati, il-parlamenti, il-korpi statutorji tad-drittijiet tal-bniedem u partijiet ikkonċernati oħrajn, inkluża s-soċjetà ċivili, ikunu jistgħu jiskrutinizzawhom.

L-istituzzjonijiet tal-UE għandhom ikomplu jimmonitorjaw il-miżuri ta' emerġenza fid-dawl tal-valuri fundamentali tal-UE kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tad-TUE, inklużi d-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt u d-demokrazija. Id-dokumenti ta' politika, bħar-rapport annwali l-ġdid dwar il-Mekkaniżmu Ewropew tal-Istat tad-Dritt, għandhom jirriflettu l-eżitu tal-monitoraġġ tal-miżuri ta' emerġenza, fejn rilevanti.



L-OPINJONI 1.2 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom itejbu r-reżiljenza tas-sistemi tagħhom tal-kura tas-saħħa, ta' protezzjoni soċjali u ta' assistenza soċjali sabiex jiżguraw li jipprovdu servizzi ekwi għal kulħadd anki matul kriżi. Sabiex dan jinkiseb b'mod koordinat fl-UE kollha, il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Unjoni Ewropea tas-Saħħa b'saħħi-tha għandha tiġi adottata mingħajr dewmien. Il-proposta għandha l-għan li ttejjeb b'mod serju l-protezzjoni tas-saħħa, iżda anki l-ħajja soċjali u ekonomika fl-UE kollha.

L-OPINJONI 1.3 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom isaħħu l-isforzi tagħhom sabiex jiżguraw il-kontinwità tal-edukazzjoni għat-tfal kollha fi kwalunkwe ċirkustanza, b'mod partikolari fi żminijiet ta' kriżi bħal dik ippreżentata mill-pandemija tal-COVID-19. F'dan ir-rigward, għandhom jagħtu prijorità lill-istabbiliment ta' infrastruttura diġitali fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, u jiżguraw taħriġ xieraq sabiex l-għalliema isiru midħla tad-dinja tax-xogħol f'ambjent diġitali. F'dan ir-rigward, għandha tingħata attenzjoni lill-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali (2021-2027), li jissuġġerixxi hekk, u li jitlob kooperazzjoni aktar b'saħħi-tha fil-livell tal-UE sabiex is-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ jiġu adattati għall-era diġitali.

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw ukoll li din l-infrastruttura diġitali tkun inklużiva. Dan ifisser li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' dawk li jkunu soċjalment esklużi u vulnerabbli, bħat-tfal b'diżabbiltà, it-tfal Rom u Travellers, u t-tfal ta' migranti u ta' refuġjati.

Kif enfasizza l-Parlament Ewropew, "anke fi stat ta' emerġenza pubblika, il-prinċipji fundamentali tal-istat tad-dritt, id-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet fundamentali għandhom jibqgħu". F'dan ir-rigward, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE hija ta' importanza kbira fir-rigward tal-azzjonijiet tal-UE, u tal-azzjonijiet tal-Istati Membri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE. Il-bullettini tal-FRA matul l-2020 enfasizzaw b'evidenza l-implikazzjonijiet fuq id-drittijiet fundamentali fil-kuntest tal-UE.

Fil-livell nazzjonali, il-miżuri restrittivi kienu taħt skrutinju mill-qrati, mill-parlamenti, mill-korpi tad-drittijiet tal-bniedem, mis-soċjetà ċivili u minn partijiet ikkonċernati oħrajn. Għalkemm huma rrikonoxxew il-ħtieġa li l-miżuri ta' emerġenza jrażżnu l-pandemija, huma oġġezzjonaw għal dawk li ma kinux ibbażati fuq il-liġi, li damu żmien twil u li kienu sproportzjonati. Huma enfasizzaw ukoll l-importanza tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, id-diskors ta' mibegħda u r-rażziżmu marbutin mal-COVID-19.

Ix-xjenza moderna laqgħet din l-isfida fi żmien rekord, u għamlet disponibbli l-vaċċini sa minn tmien l-2020. Madankollu, il-pandemija kixfet lakuni u limitazzjonijiet fil-kapaċità u fit-tnejjja tas-sistemi tagħna tal-kura tas-saħħa, tal-edukazzjoni, tal-impjiegi u tal-protezzjoni soċjali sabiex tiġi indirizzata kriżi bħal din, u fil-ksib tagħna tal-obbligu li nissodisfaw id-drittijiet kollha għas-saħħa, għall-edukazzjoni, għax-xogħol u għas-sigurtà u l-assistenza soċjali. Żvelat ukoll lakuni fil-kapaċità tagħna li nħarsu d-drittijiet ta' dawk aktar vulnerabbli. Il-pandemija hija test litmus ta' kemm aħna lesti nirrispettaw il-wegħda tal-Aġenda globali 2030 li "ħadd ma jitħalla jibqa' lura" fil-ksib ta' tranżizzjoni soċjalment ġusta għall-iżvilupp sostenibbli.

Madankollu, minkejja n-nuqqasijiet, l-UE u l-Istati Membri tagħha għamli sforzi konsiderevoli sabiex jappoġġjaw is-sistemi tagħhom tal-kura tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tal-protezzjoni soċjali, u sabiex jgħinu lill-individwi u lin-negozji kontra r-reċessjoni ekonomika u r-riskju tal-qgħad.

Il-valur miżjud tal-UE għal darb'oħra kien ta' importanza kritika. Hija daħħlet fis-seħħ diversi strumenti sabiex tgħin lill-Istati Membri jiffinanzjaw l-azzjonijiet tagħhom. Filwaqt li ħarsu 'l quddiem, l-istituzzjonijiet tal-UE laħqu ftehim dwar pakkett ta' rkupru ta' EUR 1.8 triljun. Dan jgħaqqad il-baġit tal-UE għall-2021-2027 u NextGenerationEU, strument ta' rkupru temporanju li jippermetti lill-Kummissjoni Ewropea tiġbor fondi fis-suq kapitali sabiex tindirizza l-ħsara ekonomika u soċjali immedjata kkawżata mill-pandemija.

Dawn il-miżuri finanzjarji tal-UE, flimkien mal-istrumenti ta' politika li jppromwovu d-drittijiet tal-bniedem u dawk fundamentali, bħall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jiffurmaw qafas komprensiv b'appoġġ tal-isforzi nazzjonali.

L-OPINJONI 1.4 TAL-FRA

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom ikomplu jiġġieldu d-diskriminazzjoni, id-diskors ta' mibegħda u r-razziżmu relatati mal-COVID-19 kontra gruppi ta' minoranzi etniċi, migranti u refuġjati, jew persuni bi sfond ta' migrazzjoni. Dan jinkludi t-tiħi ta' miżuri kontra d-diżinformazzjoni li xxerred diskors ta' mibegħda, u perċezzjonijiet diskriminatorji u razzisti, b'mod partikolari online.

L-OPINJONI 1.5 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiffukaw fuq il-ħtiġijiet ta' gruppi vulnerabbli li jinsabu l-aktar f'riskju ta' infezzjoni u/jew ta' mard serju. Dawn il-gruppi jinkludu l-anzjani, il-persuni fid-djar tal-indukrar, il-persuni b'kundizzjonijiet tas-saħħa preeżistenti, u dawk li jgħixu fi spazji limitati u ffullati żżejjed jew f'kundizzjonijiet ħżiena ta' għajxien u ta' akkomodazzjoni. Dan il-grupp tal-aħħar jinkludi ħafna Rom u Travellers, u persuni f'faċilitajiet ta' akkoljenza jew ta' detenzjoni għall-migranti u għar-refuġjati, f'ħabsijiet, u f'postijiet ta' kenn għall-persuni mingħajr dar.

Dan jeħtieġ ukoll li dawn il-gruppi jingħataw priorità għat-tilqim u li jiġi żgurat li jgawdu aċċess ekwu għas-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali kif meħtieġ.



2

IMPLIMENTAZZJONI U UŻU TAL-KARTA FIL-LIVELL NAZZJONALI

Fis-sena 2020 intlaħaq pass importanti speċjali għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Fis-7 ta' Diċembru, għadew eżattament 20 sena minn meta l-UE pproklammat il-Karta f'Nizza. Il-Kummissjoni Ewropea użat dik id-data sabiex tnedi "Strateġija ġdida għat-tiżiħ tal-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE". L-istrateġija tiffoka aktar fuq l-applikazzjoni tal-Karta fl-Istati Membri u fuq ir-rwol tal-atturi nazzjonali sabiex il-Karta ssir effettiva f'ħajjet in-nies. Tipprovi pjan ta' azzjoni għal aktar sforzi kollettivi fis-snin li ġejjin. Il-Kummissjoni ħeġġet ukoll implimentazzjoni aktar miftiehma tal-Karta fil-livell tal-UE. Sadanittant, l-użu tagħha mill-qrati nazzjonali, mill-parlamenti, mill-gvernijiet u minn atturi oħrajn kompli juri riżultati mħallta. Il-qrati nazzjonali taw attenzjoni dejjem akbar lill-Karta, iżda l-miżuri tal-gvernijiet sabiex jipromwovu l-applikazzjoni tagħha baqgħu pjuttost rari. Minkejja li l-kriżi tal-COVID-19 laqtet il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, hija xprunat ukoll aktar attenzjoni lejn l-abbozz tad-drittijiet tal-UE.



Il-Karta hija ta' rilevanza fundamentali għal-livelli tal-gvern tal-UE, nazzjonali u lokali, filwaqt li torbothom kull meta jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE. Madankollu, fil-livell nazzjonali, l-involviment tal-Karta għadu pjuttost limitat, kif muri mill-evidenza. Dan jindika ħtieġa għal aktar appoġġ mill-UE u mill-Istati Membri tagħha, kif ukoll għal kooperazzjoni msaħħa. It-tliet opinjonijiet li ġejjin jindirizzaw il-livelli tal-gvern tal-UE, nazzjonali u lokali, rispettivament.



Livell tal-UE

L-OPINJONI 2.1 TAL-FRA

L-istituzzjonijiet tal-UE, meta jiddiskutu l-applikazzjoni tal-Karta kif issuġġerit fl-istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Karta, għandhom jiżguraw li tingħata biżżejjed kun-siderazzjoni lill-evidenza mill-atturi nazzjonali rilevanti. Minbarra l-FRA, għandha tingħata attenzjoni wkoll lil aġenziji oħrajn tal-UE li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għal implimentazzjoni u għal promozzjoni aħjar tad-drittijiet fil-Karta. Fl-aħħar nett, il-Kumitat tar-Regġuni jista' jinvolvi ruħu fi skambju annwali ta' prattiki promettenti u ta' sfidi fl-applikazzjoni u fil-promozzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Karta fil-livell lokali. Dan jista' jipprovi evidenza addizzjonali sabiex jikkontribwixxi għad-"diskussjoni interistituzzjonali" fil-livell tal-UE, li għaliha tirreferi l-istrateġija tal-Karta.

Filwaqt li l-istrateġija l-ġdida tal-Kummissjoni Ewropea sabiex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tiddedika aktar attenzjoni politika lejn il-livell nazzjonali, din tħabbar ukoll gwida, stimolu u appoġġ addizzjonali tal-UE, inkluż permezz ta' programmi ġodda tal-UE. Pereżempju, tħabbar li l-Kummissjoni Ewropea se ssaħħaħ is-sħubija tagħha mal-Istati Membri tal-UE f'diversi kuntesti sabiex tgħin hom aħjar fl-implimentazzjoni tal-Karta.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea tistieden kemm lill-Kunsill kif ukoll lill-Parlament, rispettivament, sabiex jidħlu f'"diskussjoni interistituzzjonali" mal-Kummissjoni. L-aġenziji huma rilevanti wkoll f'dan ir-rigward. Filwaqt li l-FRA u l-ħidma tagħha jissemmew ta' spiss, l-istrateġija ma tindirizzax b'mod aktar ġenerali r-rwol tal-aġenziji tal-UE. L-aġenziji kollha tal-UE jistgħu jikkontribwixxu għall-applikazzjoni tal-Karta, għalkemm l-għarfien dwar il-Karta u l-obbligi skont din ivarjaw bejn l-aġenziji, kif tvarja wkoll ir-rieda tagħhom li jżidu l-investment fis-sensibilizzazzjoni, irrapportat l-FRA.

Il-Karta hija importanti mhux biss għall-istituzzjonijiet ewlenin tal-UE iżda għall-atturi kollha tal-UE, bħal, pereżempju, il-Kumitat tar-Regġuni. Speċjalment il-Kummissjoni tiegħu għaċ-Ċittadinanza, il-Governanza u l-Affarijiet Istituzzjonali u Esterni (CIVEX) għandha rwol ovvju x'taqdi fl-enfasizzar tal-prattiki lokali u fit-trawwim ta' skambju fost l-atturi reġjonali u lokali dwar kif l-aħjar tiġi applikata u promossa l-Karta.

Livell nazzjonali

Id-*data* miġbura għal dan ir-rapport u għal rapporti preċedenti dwar id-drittijiet fundamentali tindika nuqqas ta' politiki nazzjonali sabiex jippromwov u l-applikazzjoni tal-Karta. Konsegwentement, l-istrateġija tal-Karta għall-2020 tpoġġi enfasi kbira fuq ir-rwol tal-Istati Membri tal-UE fl-implimentazzjoni tal-Karta. Fid-dawl tan-numru ta' proposti konkreti għall-Istati Membri sabiex jieħdu azzjoni, l-istrateġija tibni pjan ta' azzjoni għas-snin li ġejjin.

L-applikazzjoni tal-Karta tista' tissaħħaħ bit-twaqqif ta' punti fokali tal-Karta fl-amministrazzjonijiet nazzjonali, bl-adattament ta' proċeduri li jikkonċernaw il-valutazzjonijiet tal-impatt u l-iskrutinju legali, bl-iżgurar li kumitati b'għarfien espert suffiċjenti dwar il-Karta jimmonitorjaw il-ġestjoni tal-fondi tal-UE jew, finalment, bl-istabbiliment u/jew bit-tisħiħ tal-NHRIs.

Miżuri oħrajn li l-istrateġija tistabbilixxi jeħtieġu miżuri ta' politika nazzjonali mġeddin, pereżempju fil-qasam tat-taħriġ, tas-sensibilizzazzjoni jew tal-promozzjoni ta' ambjent ta' appoġġ u sikur għall-OSĊ u għad-difensuri tad-drittijiet. Dawn il-proposti se jeħtieġu bidla fil-kultura tad-drittijiet fundamentali fil-livell nazzjonali, li s'issa tidher pjuttost iffokata fuq il-liġi kostituzzjonali nazzjonali u fuq il-KEDB, u b'hekk ma tisfruttax biżżejjed il-valur miżjud tal-Karta.



L-OPINJONI 2.2 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jikkunsidraw l-istabbiliment ta' punti fokali ddedikati dwar il-Karta, kif mistiedna jagħmlu skont l-istrateġija tal-Karta. Dan jippermetti lill-gvernijiet jikkordinaw l-azzjonijiet nazzjonali ma' azzjonijiet fil-livelli tal-UE, reġjonali u lokali sabiex jimplimentaw l-istrateġija l-ġdida tal-Karta b'mod aktar effettiv. Idealment, l-implimentazzjoni tal-istrateġija ssegwi proċess strutturat ibbażat fuq miri konkreti, fuq objettivi intermedji u fuq skedi taż-żmien. Din tista' tiegħu l-forma ta' pjan ta' azzjoni ddedikat għall-Karta, jew li jiddaħħlu referenzi speċifiċi għall-Karta fil-pjanijiet jew fl-istrateġiji ta' azzjoni eżistenti. Sabiex ikun hemm tagħlim reċiproku u skambju sinerġetiku, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' dawn id-dokumenti tal-ippjanar għandhom jimxu id f'id mal-kordinazzjoni fil-livell tal-UE – pereżempju, permezz ta' diskussjonijiet immirati fl-FREMP.



L-OPINJONI 2.3 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jippromwovu l-istrateġija l-ġdida dwar il-Karta fost l-awtoritajiet lokali u reġjonali, u jespjoraw kif dawn l-awtoritajiet jistgħu jirreferu b'mod aktar regolari u jippromwovu d-drittijiet fundamentali b'mod ġenerali u l-valur miżjud tal-Karta b'mod partikolari. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jiżguraw li l-istrumenti, il-proċeduri u l-politiki lokali u reġjonali rilevanti jirreferu għall-Karta. Il-prattiki eżistenti tal-Karta għandhom jiġu kkomunikati lill-punti fokali nazzjonali l-ġodda tal-Karta sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu jistgħu jikkondividu Prattiki u esperjenzi bħal dawn ma' Stati Membri oħrajn – pereżempju, permezz tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika. Il-bliet jistgħu jikkunsidraw li jsiru bliet għad-drittijiet tal-bniedem u b'hekk isaħħu l-kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali fil-ħidma, fil-programmi u fl-attivitajiet tagħhom.

→ Livell lokali

L-amministrazzjonijiet lokali mhumiex konxji ħafna tal-Karta, skont l-analiżi tal-FRA tad-data mill-konsultazzjonijiet li wettqet il-Kummissjoni Ewropea waqt it-tnejn tal-istrateġija. Fl-istess ħin, il-Karta “applika [...] għall-korpi reġjonali u lokali, u għall-organizzazzjonijiet pubbliċi, meta dawn jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni” (ara Spjegazzjonijiet, Artikolu 51, Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 303/17 - 14.12.2007).

L-istrateġija tuża t-terminu “lokali” 17-il darba. Mhux biss titlob li jkun hemm skambju tal-aħjar Prattiki tal-Karta fil-livell lokali u li jiġi promoss ambjent ta' appoġġ u sikur għall-OSĊ u għad-difensuri tad-drittijiet fil-livell lokali, iżda teżiġi wkoll li l-Istati Membri jipprovdu gwida suffiċjenti fil-livell lokali sabiex l-awtoritajiet lokali jkunu jistgħu jikkonformaw mad-dmirijiet tagħhom skont il-Karta. L-istrateġija tindika wkoll il-potenzjal tal-atturi lokali sabiex joħolqu sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tan-nies u dwar x'jistgħu jagħmlu n-nies jekk jinkisrullhom drittijietom.

Bħalissa l-FRA qed taħdem fuq kunċett għall-bliet tad-drittijiet tal-bniedem fl-UE. Dak il-qafas ta' impenn se jintegra diversi komponenti relatati mal-Karta u jista' jgħin sabiex jiżdied l-involvement tal-Karta fil-livell lokali.

3

UGWALJANZA U NONDISKRIMINAZZJONI

Fl-2020, il-Kummissjoni Ewropea adottat strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni ewlenin sabiex tippromwovi Unjoni ta' Ugwaljanza, b'tali mod li toħloq qafas komprensiv għal azzjoni tal-UE u nazzjonali. Filwaqt li l-adozzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali baqgħet wieqfa, il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa li jissaħħu l-korpi tal-ugwaljanza u li tittejjeb id-data dwar l-ugwaljanza. Sforzi sabiex jiġu promossi d-drittijiet tal-persuni lezjbani, gay, bisesswali, transġeneri, mhux binarji, intersesswali u queer (LGBTIQ) kisbu momentum bl-adozzjoni tal-ewwel strateġija fl-istorja tal-UE dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ. Madankollu, l-evidenza wriet ukoll li, f'xi żoni u Stati Membri, l-esperjenzi tal-persuni LGBTIQ ta' diskriminazzjoni u ta' reati ta' mibegħda qed jiżdiedu. Sadanittant, il-pandemija tal-COVID-19 u l-miżuri li wasslet għalihom kultant aggravaw l-inugwaljanzi soċjali, b'persuni akbar fl-età li ntlaw b'mod partikolarment ħażin.



L-Artikolu 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprovdi l-bażi għal-leġiżlazzjoni tal-UE għall-għieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, fuq l-orijini razzjali jew etnika, fuq ir-reliġjon jew fuq it-twemmin, fuq id-diżabilità, fuq l-età jew fuq l-orjentazzjoni sesswali. Il-Kunsill tal-UE adotta leġiżlazzjoni komprensiva li ttiprovdi protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru u fuq l-orijini razzjali jew etnika fl-oqsma ewlenin tal-ħajja. Dawn jinkludu l-impjiegi u l-okkupazzjoni; l-edukazzjoni, għalkemm din mhijiex koperta mid-direttivi dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; il-protezzjoni soċjali; u l-aċċess għal oġġetti u servizzi li huma disponibbli għall-pubbliku u l-provvista ta' dawn, inkluża l-akkomodazzjoni. B'kuntrast ma' dan, il-leġiżlazzjoni tal-UE tippoteġi kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon jew fuq it-twemmin, fuq id-diżabilità, fuq l-età u fuq l-orjentazzjoni sesswali fil-qasam tal-impjiegi u tal-okkupazzjonijiet biss.

B'riżultat ta' dan, uħud mill-karatteristiċi protetti stabbiliti fl-Artikolu 19 tat-TFUE (is-sess u l-orijini razzjali jew etnika) għandhom aktar protezzjoni minn oħrajn (ir-reliġjon jew it-twemmin, l-età, id-diżabilità u l-orjentazzjoni sesswali), li tirriżulta f'ġerarkija artifiċjali ta' bażijiet protetti. Fl-2008, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet Direttiva dwar it-Trattament Ugwali. L-adozzjoni tagħha telimina din il-lakuna billi testendi l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon jew fuq it-twemmin, fuq l-età, fuq id-diżabilità u fuq l-orjentazzjoni sesswali għall-oqsma tal-edukazzjoni, tal-protezzjoni soċjali u tal-aċċess għal oġġetti u għal servizzi disponibbli għall-pubbliku u għall-provvista ta' dawn. Fl-2020 ma sar l-ebda progress fl-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni fil-livell tal-Kunsill tal-UE.

Il-Parlament Ewropew tenna l-appell tiegħu sabiex tiġi adottata l-proposta, filwaqt li l-Kummissjoni Ewropea kompliet tteġġeg lill-Istati Membri sabiex jilħqu ftehim malajr dwar it-test. Sadanittant, il-pandemija tal-COVID-19 aċċennat ir-riskju akbar ta' diskriminazzjoni li n-nies jistgħu jiffaċċjaw fi żminijiet ta' kriżi tas-saħħa għal diversi raġunijiet lil hinn mis-sess u mill-orijini razzjali jew etnika, b'mod partikolari l-età.



L-OPINJONI 3.1 TAL-FRA

Billi jitgħallem mit-tagħlimiet meħudin mill-pandemija tal-COVID-19, il-leġiżlatur tal-UE għandu jkompli jesplora kull triq possibbli sabiex tiġi adottata d-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali mingħajr aktar dewmien. Dan ikun qed jiżgura li l-leġiżlazzjoni tal-UE toffri protezzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon jew fuq it-twemmin, fuq id-diżabilità, fuq l-età u fuq l-orjentazzjoni sesswali f'oqsma ewlenin tal-ħajja, bħall-edukazzjoni; il-protezzjoni soċjali, inkluż is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa; u l-aċċess għal oġġetti u għal servizzi disponibbli għall-pubbliku u l-provvista ta' dawn, inkluża l-akkomodazzjoni.

L-OPINJONI 3.2 TAL-FRA

L-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE għandhom jadottaw u jintegraw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet lejn it-tixjiħ u l-persuni akbar fl-età, inkluż fl-istrategġiji ta' ħruġ tagħhom mill-pandemija. Dan l-approċċ għandu jiġi rifless fl-inizjattivi u fil-politiki rilevanti kollha, inkluż f'azzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u għall-promozzjoni tal-politiki ta' inklużjoni soċjali. Dan ifisser:

- il-ġlieda kontra l-perċezzjonijiet etaisti li jwasslu għal diskriminazzjoni fuq bażi ta' età, li huma ostakli għat-trattament ugwali tal-persuni akbar fl-età u għat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet fundamentali tagħhom;
- il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni ta' persuni akbar fl-età fl-aspetti kollha tal-ħajja soċjali, inkluż fit-tfassil u fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' miżuri li jaffettwawhom;
- l-iffokar fuq dawk li huma aktar vulnerabbli u fuq l-issodisfar tal-ħtiġijiet partikolari li jista' jkollhom bl-użu tal-mezzi kollha disponibbli, inklużi teknoloġiji u għodod diġitali aċċessibbli ġodda, filwaqt li jinżammu wkoll servizzi mhux diġitali;
- il-ġbir u l-analiżi ta' data u ta' evidenza robusti dwar id-drittijiet u l-benessri tal-persuni akbar fl-età.

L-evidenza tissuġġerixxi li l-persuni akbar fl-età kienu fost l-aktar milqutin mill-pandemija tal-COVID-19 u matulha. Persuni akbar fl-età kellhom riskju akbar għas-saħħa minn gruppi ta' età iżgħar minħabba l-inċidenza ogħla tagħhom ta' kundizzjonijiet sottostanti tas-saħħa.

Il-pandemija kellha wkoll implikazzjonijiet usa', li affettwaw il-benessri u d-drittijiet tal-persuni akbar fl-età. Sterjotipi etaisti u diskors diskriminatorju; miżuri restrittivi bbażati fuq l-età; diffikultajiet fl-aċċess għall-oġġetti u għas-servizzi, inkluż minħabba d-distakk diġitali bejn il-ġenerazzjonijiet; u sentimenti ta' iżolament u ta' stress dgħajfu d-dritt tagħhom li jgħixu ħajja ta' dinjità, indipendenza u parteċipazzjoni, imnaqxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Dawn il-fatturi dgħajfu wkoll id-dritt tagħhom għal trattament u għal opportunitajiet ugwali, kif stabbilit fil-Karta u fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Min-naħa l-oħra, diversi atturi ħadu miżuri sabiex itaffu l-impatt tal-pandemija fuq il-persuni akbar fl-età, u sabiex jiproteġu u jgħinu fl-implimentazzjoni tad-drittijiet tagħhom, inkluż permezz tal-użu ta' teknoloġiji u ta' għodod diġitali ġodda. Barra minn hekk, id-diskussjoni usa' dwar id-drittijiet tal-persuni akbar fl-età u l-benessri tagħhom kisbet momentum fl-2020. Il-Kunsill tal-UE adotta konklużjonijiet li appellaw lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri biex jużaw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet għat-tixjiħ, inkluż fl-istrategġiji ta' ħruġ tagħhom mill-pandemija. Huwa enfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu sfruttati l-opportunitajiet ta' diġitalizzazzjoni sabiex jiġi promoss il-benessri tal-persuni akbar fl-età.





Ċerti Stati Membri introduċew miżuri legali u ta' politika li jipperikolaw id-dritt fundamentali għal trattament ugwali irrispettivament mill-orjentazzjoni sesswali. It-tieni stħarriġ dwar l-LGBTI tal-FRA u stħarriġiet li saru f'diversi Stati Membri wrew livelli għoljin ta' diskriminazzjoni u ta' fastidju fuq persuni LGBTI+ fl-UE kollha, u tnaqqis notevoli fl-aċċettazzjoni soċjali. Id-diskors ta' mibegħda kontra persuni LGBTI+ fid-diskors pubbliku huwa fenomenu partikolarment inkwetanti, peress li dan ikompli jinċita d-diskriminazzjoni.

Miżuri sabiex titrażżan il-pandemija affettwaw b'mod partikolari lill-persuni LGBTI+, speċjalment liż-żgħażaġh li jgħixu d-dar u li affaċċjaw vjolenza fil-familja minħabba l-orjentazzjoni sesswali u/jew l-identità tal-ġeneru tagħhom. F'dan ir-rigward, is-salvagwardja tad-drittijiet tagħhom saret saħansitra aktar diffiċli.

Sabiex tindirizza u ttejjeb is-sitwazzjoni tal-persuni LGBTIQ, il-Kummissjoni Ewropea adottat l-istrateġija ta' ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025. Din tistabbilixxi sensiela ta'azzjonijiet immirati madwar erba' pilastru ewlenin iffokati fuq l-indirizzar tad-diskriminazzjoni, fuq l-iżguraw tas-sikurezza, fuq il-bini ta' soċjetajiet inklużivi u fuq it-tmexxija tas-sejħa għall-ugwaljanza tal-LGBTIQ fid-dinja kollha.



L-OPINJONI 3.3 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE huma mħeġġin jevitaw kwalunkwe azzjoni li tipperikola d-dritt fundamentali għal trattament ugwali irrispettivament mill-orjentazzjoni sesswali u mill-identità tal-ġeneru u jkomplu jadottaw pjanijiet ta' azzjoni f'konformità mal-istrateġija tal-Kummissjoni dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ. Huma mħeġġin jadottaw u jimplementaw miżuri legali u ta' politika sabiex jiżguraw li l-persuni lez-bjani, gay, bisesswali, transġeneri u intersesswali jkunu jistgħu jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali.

L-Istati Membri għandhom iqisu l-evidenza disponibbli dwar id-diskriminazzjoni, inkluża data mit-tieni stħarriġ tal-FRA dwar l-LGBTI, sabiex jidentifikaw u jindirizzaw b'mod adegwat il-lakuni fil-protezzjoni. Għandhom iqisu wkoll il-gwida pprovduta mill-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ. B'mod partikolari, għandhom jittieħdu miżuri sabiex jiġu miġġielda b'mod effettiv id-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda u sabiex jiġu indirizzati l-impatti dannużi tad-dikjarazzjonijiet omofobiċi u transfobiċi li jsiru minn awtoritajiet pubbliċi u minn uffiċjali.

4

RAZZIŻMU, KSENOFOBIA U INTOLLERANZA RELATATA

Is-sena 2020 kienet waħda impenjattiva. Il-pandemija tal-COVID-19 tellgħet fil-wiċċ ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata eżistenti u aggravathom. Il-kriżi tas-saħħa ntużat dejjem aktar bħala skuża sabiex jiġu attakkati l-minoranzi – li jinkludu l-migranti, il-persuni bi sfond ta' immigrazzjoni u r-Rom – li diġà kienu soġġetti għal diskriminazzjoni razzjali u etnika, għal diskors ta' mibegħda u għal reati ta' mibegħda. Il-moviment Black Lives Matter immobilizza lis-soċjetajiet fid-dinja kollha sabiex jiġu indirizzati r-razziżmu u d-diskriminazzjoni mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Il-Kummissjoni Ewropea adottat l-ewwel pjan ta' azzjoni fl-istorja tagħha kontra r-razziżmu, li stabbilixxa miżuri konkreti sabiex jiġu indirizzati r-razziżmu u d-diskriminazzjoni etnika fl-UE.

Numru ta' Stati Membri tal-UE ħadu passi sabiex jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kontra r-razziżmu u miżuri oħrajn sabiex jindirizzaw l-estremiżmu, ir-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda.



L-OPINJONI 4.1 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jitrassponu u japplikaw b'mod sħiħ u korrett id-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija sabiex jikkriminalizzaw ir-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda razzisti. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li motiv razzist jew ksenofobiku jittqies bħala ċirkustanza aggravanti jew, inkella, li l-qrati jistgħu jikkunsidraw tali motiv meta jidde-terminaw il-pieni.

Minbarra li jitrassponu u jinfurzar bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-ġlieda kontra r-reati ta' mibegħda, l-Istati Membri għandhom jimplementaw miżuri li jhegħgu lill-vittimi u li x-hieda jippreżentaw u jirrapportaw ir-reati ta' mibegħda. Għandhom isaħħu wkoll il-ħila tas-sistemi nazzjonali ta' infurzar tal-liġi sabiex jidentifikaw u jżommu rekord b'mod korrett tar-reati ta' mibegħda.



Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (2008/913/ĠAI) tistabbilixxi approċċ tad-dritt kriminali komuni għal ċerti forum ta' razziżmu u ta' ksenofobija li jsarrfu f'diskors ta' mibegħda u f'reati ta' mibegħda. Il-Kummissjoni Ewropea fetħet proċeduri ta' ksur kontra żewġ Stati Membri li ma kinux inkorporaw b'mod sħiħ u korrett id-Deċiżjoni Qafas fil-liġi nazzjonali.

Korpi internazzjonali ta' monitoraġġ urew b'mod simili lakuni legali fil-kodiċijiet kriminali ta' numru ta' Stati Membri fir-rigward tad-diskors ta' mibegħda jew tal-kriminalizzazzjoni tal-motivazzjoni razzjali jew ksenofobika bħala ċirkustanza aggravanti. Sadanittant, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) u l-qrati superjuri nazzjonali stabbilixxew limiti fuq l-użu tal-libertà tal-kelma sabiex jiġġustifikaw id-diskors ta' mibegħda u l-inkitament tal-mibegħda.

Fl-2020, ir-razziżmu u s-sentimenti tal-lemin estrem komplew joħolqu sfidi serji fl-UE kollha. Diversi persuni nqatlu f'delitti ta' mibegħda u estremisti, hekk kif issoktat ix-xejra li dehret fis-snin preċedenti. Korpi internazzjonali u nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem qajmu tħassib dwar ir-rata dejjem akbar ta' diskors ta' mibegħda online, spiss imwettqa mill-media jew minn personaġġi politiċi, u mmirati lejn il-migranti u l-minoranzi etniċi.

Il-minoranzi etniċi, li jinkludu l-migranti, qed jesperjenzaw dejjem aktar diskriminazzjoni f'oqsma differenti tal-ħajja, u l-perċezzjonijiet u l-isterjotipi diskriminatorji għadhom jippersistu fost il-pubbliku ġenerali, hekk kif urew is-sejbiet tal-istħarriġiet. Dawn ix-xejriet intensifikaw mat-tifqigħa tal-pandemija

tal-COVID-19, hekk kif irrapportaw l-FRA u oħrajn.

L-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jipprojbixxi kwalunkwe diskriminazzjoni fuq bażi ta' oriġini etnika u ta' razza. Bl-istess mod, id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (2000/43/KE) tipprojbixxi kwalunkwe diskriminazzjoni fuq bażi ta' oriġini etnika u ta' razza fl-aċċess għall-edukazzjoni; għall-impjiegi; għas-servizzi, inkluża l-akkomodazzjoni; u għall-protezzjoni soċjali, inkluża l-kura tas-saħħa. Numru ta' Stati Membri tal-UE għadhom ma implimentawx id-dispożizzjonijiet tad-direttiva kif suppost, hekk kif juru r-rapporti tal-Kummissjoni Ewropea u tal-korpi internazzjonali ta' monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem.

Il-Kummissjoni kompliet bil-proċeduri ta' ksur kontra l-Istati Membri li ddiskriminaw kontra tfal Rom fl-edukazzjoni. Sadanittant, il-korpi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem qajmu tħassib dwar l-indipendenza tal-korpi tal-ugwaljanza stabbiliti mid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali.



Filwaqt li xi forom ta' tfassil ta' profili etniċi jistgħu jkunu legali, it-tfassil diskriminatorju ta' profili jmur kontra l-prinċipji tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali (ICERD) u standards internazzjonali oħrajn, inklużi daww inkorporati fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u fil-ġurisprudenza relatata tal-QEDB, kif ukoll fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. L-Artikolu 11(3) tad-Direttiva dwar il-Pulizija (2016/680) dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati jipprojbixxi "[t-]tfassil ta' profil li jwassal għal diskriminazzjoni kontra persuni fiżiċi abbażi ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali". Din tinkludi *data* li tiżvela l-oriġini razzjali jew etnika u t-twemmin reliġjuż, u *data* ġenetika u bijometrika.

It-tfassil diskriminatorju ta' profili bbażat fuq l-etniċità jippersisti fl-UE, hekk kif innotaw rapporti preċedenti dwar id-drittijiet fundamentali, u kif ikkonfermaw sħarriġiet u rapporti ta' korpi internazzjonali ta' monitoraġġ. Xi pajjiżi rrapportaw infurzar sproporzjonat tar-restrizzjonijiet relatati mal-COVID-19 fir-rigward ta' gruppi ta' minoranzi etniċi. Id-diskussjonijiet dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-razziżmu fil-pulizija, xprunati mill-każijiet fl-UE kollha u mill-moviment Black Lives Matter, wasslu għal żviluppi kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali.

L-OPINJONI 4.2 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom itejbu b'mod sinifikanti l-effettività tal-miżuri u tal-arranġamenti istituzzjonali tagħhom għall-applikazzjoni b'mod sħiħ u korrett tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom isaħħu l-indipendenza tal-korpi tal-ugwaljanza. Għandhom jiżguraw li dawn il-korpi jingħataw il-mandat u r-riżorsi xierqa sabiex iwettqu b'mod effettiv il-kompiti assenjati lilhom fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar in-nondiskriminazzjoni.

L-OPINJONI 4.3 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jipprevjenu u jeqirdu l-attitudnijiet diskriminatorji fost l-uffiċjali tal-pulizija. Dan jista' jsir billi jiġu vvalutati s-salvagwardji eżistenti kontra forom istituzzjonali ta' diskriminazzjoni, li jinkludu dikjarazzjonijiet ċari tal-missjonijiet, sistemi robusti ta' rieżami tal-prestazzjoni fir-rigward tal-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni istituzzjonali, u mekkaniżmi indipendenti inklużivi u effettivi għall-ilmenti.

L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għandhom joħroġu gwida speċifika, Prattika u lesta għall-użu kontra t-tfassil diskriminatorju ta' profili etniċi minn uffiċjali tal-pulizija li jeżerċitaw dmirijiet, li għandha tiġi inkluża fi proċeduri operatorji standard u f'kodiċijiet ta' kondotta, u kkomunikata sistematikament lill-uffiċjali tal-ewwel linja.



L-OPINJONI 4.4 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE huma mħeġġin jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali ddedikati sabiex jiġġieldu kontra r-razziżmu, id-diskriminazzjoni razzjali, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata. L-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet tipprovi lill-Istati Membri tal-UE b'qafas effettiv sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u d-Deċiżjoni Qafas dwar il-Ġlieda kontra r-Razziżmu u l-Ksenofobija.

F'konformità mal-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu, l-Istati Membri tal-UE għandhom jikkunsidraw l-iżvilupp ta' pjanijiet nazzjonali b'mod parteċipattiv, billi jinvolvu lil awtoritajiet reġjonali u lokali, lil korpi tal-ugwaljanza u lis-soċjetà ċivili. Barra minn hekk, l-impatt u l-effettività tal-azzjonijiet meħudin għandhom jiġu vvalutati b'mod regolari u trasparenti, skont għanijiet u skedi taż-żmien ċari, informati fuq il-bażi ta' evidenza u bl-użu ta' indikaturi tal-prestazzjoni.

Fl-2020, l-UE saħħet l-isforzi tagħha sabiex taġixxi kontra r-razziżmu. Il-Kummissjoni Ewropea adottat l-ewwel pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu, għall-2020-2025. Dan indirizza wkoll ir-razziżmu, il-fastidju u l-vjolenza mmotivati minn preġudizzji, u l-protezzjoni u l-appoġġ għall-vittmi ta' reati ta' mibegħda f'numru ta' strumenti ta' politika oħrajn, inkluża l-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi 2020-2025 u l-qafas strateġiku l-ġdid tal-UE dwar ir-Rom.

Kważi 20 sena wara li l-Konferenza Dinjija tan-NU kontra r-razziżmu appellat lill-pajjiżi biex jiżviluppaw u jelaboraw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kontra r-razziżmu, il-Kummissjoni Ewropea ħeġġet lill-Istati Membri kollha tal-UE sabiex jiżviluppaw u jadottaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni razzjali sal-aħħar tal-2022. Fl-2020, numru ta' Stati Membri ħadu passi lejn l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata.

Madankollu, il-korpi internazzjonali ta' monitoraġġ qajmu tħassib dwar id-dgħufijiet fit-tfassil ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali bħal dawn, u nnotaw li dawn jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv l-implimentazzjoni, l-impatt u l-monitoraġġ tagħhom. Xi wħud jonqsu milli jindirizzaw ir-razziżmu b'mod komprensiv; ħafna mhumiex preċiżi fid-definizzjoni ta' passi konkreti; u hemm nuqqas ta' mezzi sabiex jintlaħqu l-oġġettivi, ta' punti ta' riferiment u ta' indikaturi sabiex jitkejjel il-progress.

5

UGWALJANZA U INKLUŻJONI TAR-ROM

L-ewwel Qafas tal-UE dwar l-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom intemm fl-2020, u l-qafas strateġiku l-ġdid ta' 10 snin beda f'nofs il-pandemija tal-COVID-19. L-ewwel qafas ftit li xejn ġab progress kumplessiv miegħu. L-evalwazzjonijiet juru xi kisbiet fl-edukazzjoni u fit-tnaqqis tal-faqar, iżda l-ebda tnaqqis, jew saħansitra deterjorament, f'oqsma kruċjali bħall-impjegi, il-kura tas-saħħa u l-akkomodazzjoni. Il-Qafas Strateġiku l-ġdid tal-UE dwar ir-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni jstabilixxi miri ambizzjużi f'seba' oqsma ewlenin: in-nondiskriminazzjoni, l-inklużjoni, il-parteċipazzjoni, l-edukazzjoni, l-impjegi, is-saħħa u l-akkomodazzjoni. Jstabilixxi qafas ta' monitoraġġ aktar b'saħħtu, b'firxa ta' miri kwantifikabbli u li jstgħu jitkejlu sabiex jiġi segwit il-progress. Sadanittant, il-pandemija affettwat lill-komunitajiet tar-Rom u tat-Travellers b'mod sproporzjonat billi amplifikat l-inugwaljanzi u, f'xi pajjiżi, billi kattret il-preġudizzju anti-Żingariżmu u anti-Rom.



L-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orijini etnika jew soċjali jew fuq is-sħubija f'minoranza nazzjonali. Għal dawn l-aħħar 20 sena, id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (2000/43/KE) ippromwoviet trattament ugwali u pprojbiet diskriminazzjoni diretta u indiretta, inkluż fastidju, ibbażat fuq orijini razzjali jew etnika, f'oqsma bħall-impjegi, l-edukazzjoni, il-protezzjoni u l-vantaġġi soċjali, il-kura tas-saħħa, jew l-aċċess għal oġġetti u għal servizzi, inkluża l-akkomodazzjoni.

Madankollu, l-anti-Żingariżmu, ostaklu sinifikanti għall-progress fl-inklużjoni tar-Rom, għandu għerqu fondi. Kważi nofs iċ-ċittadini tal-UE (46 %) ma jkunux komdi li jkollhom Rom jew Travellers bħala ġirien, hekk kif juri l-Istħarriġ tal-2019 tal-FRA dwar id-Drittijiet Fundamentali, indirizzat lejn il-popolazzjoni ġenerali. Il-pandemija tal-COVID-19, li affettwat lill-komunitajiet tar-Rom u tat-Travellers b'mod sproporzjonat, amplifikat l-inugwaljanzi u, f'xi pajjiżi, komplet tkattar l-preġudizzju anti-Żingariżmu u anti-Rom.



L-OPINJONI 5.1 TAL-FRA

Fuq il-bażi tat-tagħlimiet meħudin matul il-pandemija tal-COVID-19, l-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u kontra l-anti-Żingariżmu tiġi integrata fl-oqsma kollha ta' politika tal-istrateġiji nazzjonali tagħhom dwar ir-Rom. L-istrateġiji għandhom jinkludu miżuri mmirati sabiex jindirizzaw l-anti-Żingariżmu u d-diskriminazzjoni li jaffettwaw lir-Rom u lit-Travellers.

Dawn il-miżuri għandhom jiffasslu u jiġu implimentati flimkien mal-komunitajiet tar-Rom u mar-rappreżentanti tagħhom sabiex jipromwovu narrattivi pożittivi dwar ir-Rom u t-Travellers, filwaqt li titqajjem sensibilizzazzjoni dwar l-istorja tagħhom ta' diskriminazzjoni, ta' segregazzjoni u ta' persekuzzjoni.



L-OPINJONI 5.2 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jimplementaw miżuri koordinati sabiex jiżguraw li t-tfal Rom u Travellers li jkunu soċjalment esklużi u marġinalizzati jkollhom aċċess għal għodod ta' taġġim mill-bogħod. Kwalunkwe miżura fl-edukazzjoni għandha tinkludi azzjonijiet immirati mfasslin apposta għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-gruppi diversi ta' Rom u ta' Travellers, filwaqt li jibbażaw b'mod partikolari fuq l-esperjenza pożittiva mal-assistenti tat-tagħlim u mal-medjaturi Rom. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jħeġġu r-reklutaġġ, it-taħriġ u l-użu ta' aktar medjaturi u għalliema Rom li ġejjin minn sfond Rom. Għandhom jiżguraw ukoll li l-miżuri mmirati jkunu sostenibbli u ffinanzjati sew, filwaqt li jużaw il-fondi tal-UE kif ukoll opportunitajiet oħrajn ta' finanzjament għal miżuri mmirati lejn ir-Rom kif ukoll għal riformi strutturali għal edukazzjoni inklużiva.

L-Artikolu 14 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jistabbilixxi d-dritt għall-edukazzjoni. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenfasizza li kulħadd għandu d-dritt għal edukazzjoni ta' kwalità għolja u inklużiva (il-prinċipju 1 tal-Kapitolu 1). Fl-UE kollha, inkluż fl-Istati Membri tal-Punent, il-maġġoranza taż-żgħażaġh Rom u Travellers joħroġu mill-edukazzjoni jew mit-taħriġ kmieni, hekk kif turi d-*data* l-aktar riċenti. Minkejja li sar ftit progress fl-aħħar għaxar snin, id-distakk fl-edukazzjoni bejn ir-Rom u l-popolazzjoni ġenerali għadu sinifikanti.

Barra minn hekk, ir-Rom u t-Travellers li jgħixu f'kuntesti segregati u marġinalizzati spiss ma jkollhomx it-tagħmir meħtieġ tal-IT u/jew aċċess għall-Internet, hekk kif juru s-sejbiet tal-FRA u ta' riċerka oħra. L-inugwaljanza persistenti u n-nuqqas ta' politiki ta' suċċess sabiex jipprovdu infrastruttura u servizzi bażiċi jwessgħu d-distakk bejn ir-Rom u t-Travellers u l-popolazzjoni ġenerali. Jaffettwaw ukoll l-opportunitajiet tat-tfal Rom sabiex ikollhom aċċess għall-edukazzjoni b'mod ugwali. Il-pandemija tal-COVID-19 għamlet dawn ir-realtajiet viżibbli ħafna. Ir-riċerka tal-FRA turi wkoll li xi miżuri formali ma rnexxielhomx jaslu għand ir-Rom u t-Travellers.

Il-qafas strateġiku l-ġdid tal-UE dwar ir-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni huwa parti mil-linji gwida politiċi ġenerali tal-UE għall-bini ta' Unjoni ta' ugwaljanza. Se jikkontribwixxi għall-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-rażiżmu 2020-2025 u għall-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU.

Il-qafas preċedenti tal-UE għall-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom, li kellu l-għan li jagħlaq id-distakk bejn ir-Rom u l-popolazzjoni ġenerali, ma laħaqx l-għanijiet ambizzjużi tiegħu għall-edukazzjoni, għall-impjiegi, għall-kura tas-saħħa u għall-akkomodazzjoni sal-2020. L-Istati Membri għamlu biss ftit progress f'ċerti oqsma tal-edukazzjoni u tat-tnaqqis tal-faqar, u ebda progress – jew kundizzjonijiet saħansitra ddeterjoraw – fl-impjiegi, fl-akkomodazzjoni u fis-saħħa, hekk kif turi d-*data* tal-FRA.

Fuq il-bażi ta' evalwazzjoni tal-qafas preċedenti, il-Kummissjoni Ewropea rrikonoxxiet il-ħtieġa urġenti li jiġġedded u jiżded l-impenn għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni tar-Rom kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali. Il-qafas strateġiku l-ġdid jistabbilixxi seba' objettivi u miri relatati li għandhom jintlaħqu sal-2030, b'enfasi fuq il-għlieda kontra l-anti-Żingariżmu u d-diskriminazzjoni u fuq il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni sħiħa u tal-inklużjoni tar-Rom, permezz ta' taħlita ta' politiki formali u mmirati.



L-OPINJONI 5.3 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jagħtu prijorià lill-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku l-ġdid tal-UE dwar ir-Rom. Il-pjanijiet nazzjonali tagħhom għandhom jiddefinixxu objettivi u miri ambizzjużi, li jqisu t-tagħlimiet meħudin mill-qafas preċedenti tal-UE u mill-evalwazzjonijiet tal-istrateġiji nazzjonali kif ukoll mill-pandemija tal-COVID-19. Sistemi effettivi ta' monitoraġġ għandhom jivvalutaw il-progress, filwaqt li jkejlu l-impatt kemm tal-miżuri formali kif ukoll dawk immirati għall-inklużjoni soċjali tar-Rom u tat-Travellers, kif ukoll l-użu effettiv ta' fondi nazzjonali u tal-UE.

L-istrateġiji nazzjonali dwar ir-Rom għandhom jinkludu referenza speċifika għall-parteċipazzjoni sinifikanti tar-Rom u tat-Travellers fit-tfassil, fil-valutazzjoni u fil-monitoraġġ tal-miżuri u tal-azzjonijiet ta' implimentazzjoni.



6

AŻIL, VIŻI, MIGRAZZJONI, FRUNTIERI U INTEGRAZZJONI

Ir-rispett għad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri baqa' wieħed mill-akbar sfidi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem fl-UE. L-imwiet fil-baħar, id-dewmien fl-assenjazzjoni ta' port sikur lill-migranti salvati u t-theddidiet kontra d-dgħajjes ta' salvataġġ umanitarju ssoktaw. Hekk ukoll l-allegazzjonijiet ta' pushbacks u ta' vjolenza. Il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat Patt ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, pakkett ta' proposti ta' liġi vinkolanti u ta' dokumenti ta' liġi mhux vinkolanti li jiffoka aktar fuq il-proċeduri tal-fruntieri u jipproponi forum ġodda ta' solidarjetà. Sadanittant, il-proċeduri tal-ażil ġew adattati sabiex ilaħħqu mar-restrizzjonijiet relatati mal-COVID-19. L-UE għamlet progress fl-istabbiliment tas-sistemi tagħha tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) fuq skala kbira u bdiet tesplora l-użu tal-intelliġenza artifiċjali għall-kontroll tal-fruntieri u għall-ġestjoni tal-migrazzjoni. Wara Brexit, iċ-ċittadini tar-Renju Unit saru soġġetti għal regoli ġodda.



L-OPINJONI 6.1 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom minnufih u b'mod effettiv jinvestigaw l-allegazzjonijiet kollha ta' pushbacks u ta' trattamenti ħażin fil-fruntieri, u jżidu t-trasparenza fil-miżuri meħudin.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi ta' monitoraġġ effettivi u indipendenti fil-fruntieri. Sabiex tiġi ggarantita konformità aktar sħiħa mad-drittijiet fundamentali, dawn il-mekkaniżmi għandhom ikopru wkoll il-monitoraġġ tal-attivitajiet ta' sorveljanza fil-fruntieri u mhux biss, kif jipproponi l-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, il-proċedura ta' skrinjar ta' qabel id-dħul innifisha.

Fl-2020, korpi tad-drittijiet tal-bniedem ferm rikonnoxxuti rrapportaw allegazzjonijiet ta' individwi li kienu qed jiġu rrifjutati illegalment fil-fruntieri tal-art u fuq il-baħar, xi drabi bi vjolenza mill-pulizija. L-Artikolu 78(1) tat-TFUE u l-Artikoli 18 u 19 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jipprojbixxu *r-refoulement* – jiġifieri r-ritorn ta' individwu għal riskju ta' persekuzzjoni jew ta' dannu serju – u t-tkeċċijiet kollettivi. L-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/1896 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-Artikolu 4 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jeħtieġu li l-ġestjoni tal-fruntieri tikkonforma mad-drittijiet fundamentali. Fil-Patt tagħha dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet regoli ġodda tal-UE għall-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri.

Il-migranti maqbudin b'rabta mad-dħul illegali tagħhom billi jaqsmu frontiera interna tal-UE ma jinstemgħux b'mod sistematiku qabel ma jingħaddu lura lil Stat Membru ġar tal-UE. Lanqas ma jiġu nnotifikati b'mod sistematiku bid-deċiżjoni li jingħaddu lura lil Stat Membru ieħor tal-UE.

Bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-UE, kull deċiżjoni li taffettwa persuna trid tittieħed fuq bażi individwali, u l-persuni għandhom id-dritt li jinstemgħu. Dawn il-prinċipji huma salvagwardji importanti li jippermettu lill-individwi jqajmu kwistjonijiet li jistgħu ma jippermettux ir-ritorn lura, u li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv skont l-Artikolu 47 tal-Karta.



L-OPINJONI 6.2 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom idaħħlu fis-seħħ u japplikaw proċeduri li jiggwarantixxu li l-persuni jinstemgħu qabel ma jingħaddu lura lil Stat Membru ġar tal-UE, u li jiġu nnotifikati b'mod formali bid-deċiżjoni meħuda.



Il-proposti leġiżlattivi skont il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil jiffokaw aktar fuq il-proċeduri tal-fruntieri, filwaqt li jipproponu mekkaniżmi ta' solidarjetà ġodda. Il-proċeduri fuq il-fruntiera jstgħu jirriżultaw fil-konfinament tal-applikanti għall-ażil f'faċilitajiet fil-fruntiera jew qrib tagħha, spiss f'postijiet remoti fejn jista' jkun diffiċli li jintlaħqu l-istandards ta' akkoljenza jew li jiġu applikati salvagwardji li jipprevjenu ċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, hekk kif jeħtieġu d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza (2013/33/UE) u d-Direttiva dwar ir-Ritorn (2008/115/KE). Dan jista' jwassal għal trattament li jista' ma jkunx konformi mad-dritt għad-dinjità tal-bniedem, kif iggarantit mill-Artikolu 1 tal-Karta.



L-OPINJONI 6.3 TAL-FRA

Meta jimplimentaw l-oġettivi tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, l-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' soġġorn f'faċilitajiet tal-ewwel akkoljenza fil-fruntieri jkunu adegwati, u jirrispettaw bis-sħiħ id-dritt għal-libertà u drittijiet fundamentali oħrajn stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Għandu jkun hemm sorveljanza regolari u miżuri preventivi sabiex jiġu evitati soġġorni fit-tul.

L-OPINJONI 6.4 TAL-FRA

L-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-Istati Membri tal-UE għandhom jivvalutaw b'mod komprensiv l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali ta' kwalunkwe użu tal-IA fil-qasam tal-affarijiet interni, li jinkludu l-ażil, il-viża, l-immigrazzjoni u l-fruntieri. Mekkażmi ta' sorveljanza stretti, effettivi u indipendenti għandhom jakkumpanjaw l-użu tal-IA.

L-UE u l-Istati Membri tagħha qed jesploraw l-użu tal-intelliġenza artifiċjali (IA) sabiex itejbu t-teħid tad-deċiżjonijiet fl-affarijiet interni, li jinkludu l-ażil, il-fruntieri u l-immigrazzjoni. L-għodod xprunati mill-IA jistgħu jaffettwaw drittijiet fundamentali differenti. Dan huwa minħabba, pereżempju, preġudizzju fit-tfassil tal-algoritmu; jew nuqqas ta' trasparenza fir-rigward tad-*data* użata, li jagħmilha diffiċli għall-persuna kkonċernata li tikkontesta r-riżultati prodotti minn dawn l-għodod.



L-OPINJONI 6.5 TAL-FRA

L-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-Istati Membri tal-UE għandhom ikomplu jqajmu sensibilizzazzjoni dwar is-salvagwardji tad-drittijiet fundamentali fis-sistemi tal-IT tal-UE fuq skala kbira u l-interoperabbiltà tagħhom. L-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* għandhom jingħataw ir-riżorsi xierqa sabiex jappoġġjaw lil dawk li jixtiequ jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-aċċess, għall-korrezzjoni u għat-tħassir tad-*data* tagħhom.


L-UE stabbilixxiet sitt sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) fuq skala kbira sabiex tappoġġja lill-Istati Membri fil-ġestjoni tal-migrazzjoni, tal-ażil u tal-fruntieri, fit-tiżni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, u fit-titjib tas-sigurtà interna. Tliet sistemi huma operazzjonali: id-Dattiloskopija Ewropea tal-Ażil (Eurodac), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), u s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS). It-tlieta l-oħrajn qegħdin jiġu żviluppatti: is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għaċ-Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (ECRIS-TCN).

L-istrumenti legali li jstabbilixxu sistemi tal-IT bħal dawn u l-interoperabbiltà tagħhom fihom diversi salvagwardji sabiex jiproteġu d-drittijiet fundamentali li jinsabu fil-Karta, bħall-protezzjoni ta' *data* personali (l-Artikolu 8), in-nondiskriminazzjoni (l-Artikolu 21) u d-drittijiet tat-tfal (l-Artikolu 24). Madankollu, dawn is-salvagwardji għadhom f'tit li xejn magħrufin.

7

SOĊJETÀ TAL-INFORMAZZJONI, PRIVATEZZA U PROTEZZJONI TAD-DATA

Fl-2020, il-pandemija tal-COVID-19 tat spinta lill-iżvilupp u lill-adozzjoni ta' teknoloġiji innovattivi, inkluża l-intelliġenza artifiċjali (IA), sabiex jiġi miġġieled it-tifrix tagħha. B'mod parallel, l-użu kontinwu tat-teknoloġiji tal-IA ġab miegħu tħassib dwar id-drittijiet għall-protezzjoni tad-data u għall-privatezza (flimkien ma' drittijiet oħrajn, bħan-nondiskriminazzjoni). L-UE u l-korpi internazzjonali wieġbu malajr billi enfasizzaw l-istandards applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data. Fl-istess ħin, l-UE kompliet bil-ħidma tagħha sabiex tirregola l-użu tal-IA. Hija ppubblikat white paper u rapport ta' akkumpanjament li rrikonoxxew ir-rwol tad-drittijiet fundamentali – flimkien ma' oqfsa etiċi – fl-iżgurar tal-użu tal-IA konformi mad-drittijiet. L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri tal-UE żviluppaw ukoll aktar politiki u liġijiet li jaffettwaw il-privatezza u l-protezzjoni tad-data, f'oqfsa li jvarjaw miż-żamma u mis-sorveljanza tad-data sal-ġlieda kontra materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.



Il-pandemija tal-COVID-19 wasslet sabiex in-nies jużaw id-data diġitali u teknoloġiji ġodda sabiex irażżnu t-tifrix tal-virus u jtaffu l-impatti negattivi tiegħu fuq is-soċjetà. Minn applikazzjonijiet għat-traċċar tal-kuntatti u ta' prossimità, sa software tat-telekonferenzi jew l-użu ta' algoritmi fl-edukazzjoni, il-ġbir u t-trattament intensivi ta' data personali ġabu riskji għad-drittijiet fundamentali għall-protezzjoni tad-data u għar-rispett għall-ħajja privata.

L-iżviluppi matul is-sena enfasizzaw li, fi żminijiet ta' kriżi, huwa kruċjali li jitwettqu eżerċizzji ta' bilanċjar effettivi u xierqa sabiex jiġi żgurat li l-miżuri ta' protezzjoni tas-saħħa ma jaffettwawx id-drittijiet fundamentali bla bżonn jew b'mod sproporzjonat.



L-OPINJONI 7.1 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li kwalunkwe miżura, politika jew inizzjattiva legali meħuda fi żmien ta' kriżi, bħal pandemija, ma jinterferixx b'mod sproporzjonat mad-drittijiet għall-protezzjoni tad-data u għar-rispett għall-ħajja privata. B'mod speċifiku, l-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li jiġu applikati l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, kif ukoll il-prinċipji tal-ġustizzja, tal-minimizzazzjoni tad-data, u tal-limitazzjoni tal-iskop, enfasizzati mill-Artikolu 5 tal-GDPR.

L-OPINJONI 7.2 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tal-protezzjoni tad-*data* jkollhom biżżejjed riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-mandati tagħhom b'mod effettiv. Sabiex tiġi vvalutata l-adegwatezza tar-riżorsi, l-Istati Membri għandhom jappoġġjaw rieżamijiet indipendenti u oġġettivi tal-volum ta' xogħol tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tal-protezzjoni tad-*data*.

Ix-xejra li l-FRA identifikat fir-*Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2020* tagħha kompliet, hekk kif il-volum ta' xogħol tal-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-*data* baqa' estremament impenjattiv. In-numri kbar ta' investigazzjonijiet u ta' lmenti ppersistew fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. B'mod parallel, l-armonizzazzjoni mhux kompluta tal-proċeduri u tal-kunċetti ewlenin, li fuqhom isserraħ il-proċedura ta' kooperazzjoni dwar it-tilwim transfruntier, żammet milli tinstab soluzzjoni veloċi għal dan it-tilwim.

Kien hemm sinjali ta' progress fl-2020 fil-livell kemm nazzjonali (fir-rigward taż-żieda fir-riżorsi finanzjarji u umani) kif ukoll internazzjonali (fir-rigward tal-armonizzazzjoni tal-lakuni). Madankollu, għad hemm lok għal titjib. Il-qafas legali b'saħħtu tal-UE għall-protezzjoni tad-*data* jaħdem b'mod effettiv biss meta l-atturi kollha jkunu mgħammra biżżejjed sabiex iwiegħbu fil-pront u b'mod effettiv għat-talbiet kollha.



L-OPINJONI 7.3 TAL-FRA

L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-isforzi regolatorji kollha fil-ġlieda kontra l-attivitajiet kriminali jkun fihom is-salvagwardji neċessarji sabiex jiggarrantixxu l-konformità mal-prinċipji tal-legalità, tan-neċessità u tal-proporzjonalità. Għandhom jipprovdu wkoll sorveljanza effettiva u aċċess għal mekkaniżmi ta' rimedju. F'dan il-kuntest, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri tal-UE għandhom iqisu bis-sħiħ il-każisika rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Bit-theddiet terroristiċi u bl-attivitajiet kriminali li ppersistew matul l-2020, l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE appellaw għall-adozzjoni fil-pront ta' miżuri li jippermettu l-użu ta' *data* u ta' teknoloġiji disponibbli għall-ġlieda kontra l-kriminalità. L-użu ta' teknoloġiji ta' estrazzjoni ta' *data* ġie invokat b'modi differenti għall-ġlieda kontra materjal online ta' abbuż sesswali tat-tfal, b'appoġġ għal investigazzjonijiet kriminali, sabiex tiżied is-sorveljanza, u għall-ġlieda kontra kontenut illegali online.

Madankollu, il-korpi istituzzjonali u s-soċjetà ċivili spiss esprimew dubji dwar in-neċessità u l-proporzjonalità ta' tali miżuri fil-livelli kemm nazzjonali kif ukoll tal-UE. Għalkemm il-miżuri ta' sigurtà għandhom objettivi leġittimi, ma għandhomx jintużaw bħala skuża sabiex jitbaxxew l-istandards tad-drittijiet fundamentali.



Il-pandemija ma waqqfitx il-ħidma fuq strateġiji, fuq inizjattivi legali u fuq politiki mmirati lejn it-trawwim jew ir-regolazzjoni tal-użu tal-IA. Għall-kuntrarju – il-kriżi tat spinta lill-korpi sabiex jadottaw miżuri rapidi li jappoġġjaw l-użu tal-IA, li kien promoss ukoll bħala għodda għall-ġlieda kontra l-pandemija. Matul l-2020, kemm l-UE kif ukoll l-Istati Membri żviluppaw b’mod attiv ħafna strateġiji varji għall-IA u strumenti legali ġodda.

Madankollu, kif diġà enfasizzat l-FRA fir-*Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2019* u fir-*Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2020* tagħha, ħafna strateġiji tal-IA jiffavorixxu referenza għall-“etika”, u jsemmu biss il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet fundamentali, mingħajr ma jindikaw approċċ dettaljat ibbażat fuq id-drittijiet. Madankollu, kif enfasizza r-rapport tal-FRA dwar l-IA u d-drittijiet fundamentali, l-użu tal-IA jista’ jkollu effett estensiv fuq id-drittijiet fundamentali tan-nies. Għalhekk, id-drittijiet fundamentali għandhom ikunu inkorporati fil-qalba ta’ kwalunkwe leġislazzjoni futura.



L-OPINJONI 7.4 TAL-FRA

L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li kwalunkwe strument legali u politiku futur tal-UE jew nazzjonali relatat mal-IA jkun imsejjes fuq ir-rispett għad-drittijiet fundamentali. Sabiex jiksbu dan, għandhom jinkludu salvagwardji legali b’saħħithom, jippromwovu valutazzjonijiet tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali, u jiżguraw sorveljanza indipendenti u aċċess għal rimedji effettivi.

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li ċirkustanzi straordinarji, bħall-pandemija, ma jbaxxux il-livell tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-użu ta’ teknoloġiji relatati mal-IA.

8

DRITTIIJET TAT-TFAL

Fl-2020, il-pandemija tal-COVID-19 poġġiet pressjoni mingħajr preċedent fuq it-tfal u fuq il-familji fl-UE kollha, speċjalment dawk li diġà kienu ekonomikament jew soċjalment żvantaġġati. Minkejja l-isforzi tal-Istati Membri, l-edukazzjoni mill-bogħod kienet sfida għat-tfal li ma għandhomx kompjuters jew aċċess għall-Internet, jew li jgħixu f'familji ffullati. It-teddida ta' abbuż fid-dar kienet preżenti ferm ukoll. It-tfal komplew jissottomettu anqas applikazzjonijiet għall-ażil, iżda l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza tagħhom baqgħu inadegwati f'diversi Stati Membri. Għaxar Stati Membri laqgħu 573 tifel u tifla mhux akkumpanjati u 771 tifel u tifla f'familji li ġew irrilokati mill-“hotspots” Griegi. Il-parti l-kbira tal-Istati Membri inkorporaw fid-dritt nazzjonali d-Direttiva dwar is-Salvagwardji Proċedurali għat-tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċeduri kriminali. Madankollu, għad hemm proċeduri ta' ksur miftuħin kontra seba' Stati Membri. Il-Kummissjoni Ewropea għamlet konsultazzjonijiet estensivi dwar l-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, li hija qed tippjana li tadotta fl-2021.

L-OPINJONI 8.1 TAL-FRA

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tikkunsidra l-impatt tal-COVID-19 meta tkun qed ttejjji sabiex tnedi inizjattivi taħt il-Garanzija tal-UE għat-Tfal. Il-garanzija għandha tiddefinixxi inizjattivi mmirati u talloka biżżejjed finanzjament għall-protezzjoni tat-tfal l-aktar vulnerabbli, speċjalment fl-oqsma tal-edukazzjoni, tal-akkomodazzjoni, tas-saħħa u tal-benessri soċjali.

L-Istati Membri tal-UE għandhom ikomplu bl-isforzi tagħhom sabiex jiżguraw li t-tfal kollha, speċjalment dawk l-aktar vulnerabbli, ikollhom aċċess għall-iskola b'kundizzjonijiet ugwali, u sabiex jiproteġu lit-tfal mill-vjolenza. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ekonomiċi li jappoġġjaw lill-familji bit-tfal jipproduċu benefiċċju sostenibbli u jkun aċċessibbli għall-familji l-aktar vulnerabbli, bħar-Rom u l-familji migranti. Pereżempju, l-Istati Membri jistgħu jivvalutaw il-ħtieġa li jirrieżaminaw il-limitu għall-aċċess għal pagamenti soċjali regolari għal familji bi dħul baxx.

Sabiex jiżviluppaw politiki bbażati fuq l-evidenza, l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea għandhom jiġbru data li tivvaluta l-esperjenzi tat-tfal stess dwar l-impatt tal-pandemija fuq il-benessri fiżiku u mentali tagħhom u l-fehmiet tagħhom dwar dan.



Il-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt qawwi fuq il-benessri tat-tfal fl-Ewropa. It-telf tal-introjt tal-familja, l-għeluq tal-iskejjel, u ż-żieda fil-vjolenza domestika u online qajmu tħassib dwar id-drittijiet skont l-Artikoli 3, 14 u 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. L-Istati Membri pprovdew lill-familji b'numru ta' pakketti ta' appoġġ ekonomiku sabiex jikkompensaw għat-telf tal-introjt. Madankollu, l-ammont limitat u t-tul tal-appoġġ iqajmu dubji dwar l-utilità u s-sostenibbiltà fit-tul ta' tali pakketti finanzjarji.

It-tranżizzjoni lejn l-edukazzjoni mid-dar ma kinitx l-istess għall-familji kollha. Xi tfal ma setgħux jipparteċipaw b'mod sħiħ fir-rutini tal-iskola, minħabba li ma kellhomx aċċess għal apparat tal-Internet jew għal spazju kwiet sabiex jittgħallmu. Oħrajn tilfu l-jedd għal ikliet tal-iskola mingħajr ħlas. Matul l-għeluq tal-iskola u l-kwarantini, il-perjodi itwal imqattgħa d-dar irriżultaw f'żieda fil-każijiet irrapportati ta' vjolenza kontra t-tfal, u f'każijiet ta' tfal li ġew sfruttati sesswalment permezz tal-Internet.

It-tnejn għal Garanzija tal-UE għat-Tfal komplew. Din l-iskema mitluba mill-Parlament Ewropew għandha l-għan li tipprovi lit-tfal kollha aċċess ugwali għas-servizzi bażiċi, b'enfasi fuq il-kura tas-saħħa, fuq l-edukazzjoni, fuq l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, fuq l-akkomodazzjoni diċenti u fuq in-nutrizzjoni adegwata. Il-Garanzija tal-UE għat-Tfal hija mistennija tiġi adottata fl-2021.





It-tfal li jaslun fl-Ewropa huma intitolati għall-protezzjoni skont l-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u għal kundizzjonijiet ta' akkoljenza xierqa f'konformità mad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza. Id-direttiva tirrikjedi li l-Istati Membri jivvalutaw il-ħtiġijiet ta' akkoljenza tat-tfal u jipprovdu aċċess għall-edukazzjoni u għal livell ta' għajxien adegwat, fost l-oħrajn. Madankollu, fil-prattika ta' kuljum, il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza jqajmu tħassib serju f'xi Stati Membri, b'ċentri ffullati, b'iġjene inadegwata, jew b'nuqqas ta' ċentri ta' akkoljenza adattati għat-tfal.

It-tfal mal-familji u t-tfal mhux akkumpanjati għandhom qed jaffaċċjaw id-detenzjoni. Għalkemm id-dritt tal-UE ma jipprojbixx id-detenzjoni amministrattiva tat-tfal f'kuntast ta' migrazzjoni, it-tfal mingħajr dokumenti, u t-tfal li japplikaw għall-ażil jew fi proċedura ta' ritorn, ma għandhomx jiċċaħħdu mil-libertà. Id-detenzjoni tat-tfal għandha tinftiehem biss bħala miżura ta' eċċezzjoni tal-aħħar rikors.

Il-Kummissjoni Ewropea nediet il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, li jipproponi sett ta' mekkaniżmi ta' solidarjetà għal mumentu ta' pressjoni, inkluża r-rilokazzjoni. L-isforzi konġunti tal-Kummissjoni Ewropea, tal-awtoritajiet Griegi u ta' 10 Stati Membri ppermettew ir-rilokazzjoni ta' 573 tifel u tifla mhux akkumpanjati, u ta' 771 tifel u tifla f'familji, mill-hotspots Griegi.

Sadanittant, fil-Greċja għad hemm madwar 1 000 tifel u tifla f'akkomodazzjoni mhux sigura. Madwar 100 minnhom jgħixu f'hotspots.



L-OPINJONI 8.2 TAL-FRA

Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri tal-UE għandhom isaħħu l-isforzi għar-rilokazzjoni ta' tfal mhux akkumpanjati u ta' tfal vulnerabbli oħrajn li bħalissa jgħixu fi Stati Membri fejn jinsabu f'kundizzjonijiet ta' akkoljenza inadegwati. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-prattika tajba eżistenti fir-rilokazzjoni tat-tfal sabiex jiżguraw l-aħjar interessi tat-tfal matul il-proċedura kollha.

L-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jiżguraw il-protezzjoni tat-tfal, filwaqt li jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza jirrispettaw l-istandards minimi għal standard tal-għajxien dinjituż u għal faċilitajiet adattati għat-tfal, stabbiliti mid-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw sistemi kredibbli u effettivi li jagħmlu ż-żamma tat-tfal għal finijiet ta' ażil jew ta' ritorn mhux neċessarja.



L-OPINJONI 8.3 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom isaħħu l-isforzi sabiex jimplimentaw id-Direttiva dwar is-Salvagwardji Proċedurali (2016/800/UE) fil-prattika ta' kuljum tal-professjonisti. Huma jistgħu jagħmlu dan billi jipprovdu taħriġ u gwida professjonali lill-prattikanti kollha, li jinkludu l-uffiċjali tal-pulizija, l-imħallfin, l-avukati u l-prosekuturi.

Il-Kummissjoni Ewropea tista' tappoġġja aktar lill-Istati Membri tal-UE – pereżempju, billi tipprovdi gwida għat-traspożizzjoni u għall-implimentazzjoni tad-direttiva u billi tiffaċilita l-iskambju ta' esperjenzi prattiċi fost l-Istati Membri.

L-Artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jggarantixxi salvagwardji importanti għall-preżunzjoni ta' innoċenza u għad-dritt tad-difiża. L-Artikolu 24 jagħti kunsiderazzjoni primarja lill-aħjar interessi tat-tfal. Id-Direttiva dwar is-Salvagwardji Proċedurali għal tfal li huma ssuspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali (2016/800/UE) tiddefinixxi u tespandi fuq dawk il-punti. Tirrikjedi li l-Istati Membri jinformaw minnufih lit-tfal u lill-ġenituri tagħhom dwar id-drittijiet tagħhom meta t-tfal ikunu persuni ssuspettati jew akkużati, jiżguraw li avukat jgħin lit-tfal, u jivvalutaw is-sitwazzjoni individwali ta' kull tifel jew tifla.

Sal-aħħar tal-2020, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri kienu emendaw il-liġijiet nazzjonali tagħhom sabiex jinkorporaw id-Direttiva. L-iskadenza sabiex jagħmlu dan kienet il-11 ta' Ġunju 2019. Madankollu, il-proċeduri ta' ksur li bdew kontra seba' Stati Membri fl-2019 baqgħu miftuħin fi tmiem l-2020.

9

AĊĊESS GĦALL-ĠUSTIZZJA

Fil-livell tal-UE, l-2020 għebet innovazzjonijiet sinifikanti fil-qafas politiku u istituzzjonali dwar id-drittijiet tal-vittmi. Il-Kummissjoni Ewropea stabbilixxiet koordinatur tad-drittijiet tal-vittmi, adottat l-ewwel strateġija tagħha dwar id-drittijiet tal-vittmi, għall-2020-2025, u waqqfet pjattaforma għad-drittijiet tal-vittmi. Fil-livell nazzjonali, il-pandemija tal-COVID-19 iddettat l-aktar l-iżviluppi. Hija għibdet l-attenzjoni għall-vjolenza domestika u għad-diffikultajiet fl-iżgurar tal-aċċess għall-ġustizzja fi żminijiet ta' mobbiltà u ta' ħajja pubblika severament ristretti. Sadanittant, l-isfidi għall-indipendenza ġudizzjarja baqgħu jippersistu f'diversi Stati Membri. Il-Kummissjoni ppubblikat l-ewwel rapport fl-istorja tagħha dwar l-istat tad-dritt fl-2020, u l-Kunsill Ewropew adotta r-Regolament dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

Il-vittmi ta' reati kontra l-persuna għandhom drittijiet għar-rikonoxximent u għall-ġustizzja kif previsti fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Fl-2020, il-Kummissjoni Ewropea ħolqot qafas sabiex tkompli tiżviluppa dawn id-drittijiet u toqrob aktar lejn l-oġettiv ta' rikonnoxximent sħiħ tagħhom u ta' għoti ta' effett lilhom. Filwaqt li bniet fuq id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, ħatret Koordinatur tad-Drittijiet tal-Vittmi, adottat l-ewwel strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi, u stabbilixxiet il-Pjattaforma tad-Drittijiet tal-Vittmi. Madankollu, sa ċertu punt konsiderevoli, is-suċċess tal-istrateġija jiddependi mill-impenn tal-Istati Membri li jimplementawha.

L-istrateġija tidentifika l-prijoritajiet ewlenin, li jinkludu l-appoġġ lill-vittmi fir-rapportar ta' reati, it-titjib tal-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi vulnerabbli, l-iffaċilitar tal-aċċess mill-vittmi għall-kumpens, u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni u tal-koordinazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. F'dawn l-aspetti kollha, l-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi għandhom rwol kruċjali. Għalhekk, sabiex l-istrateġija taħdem, huwa essenzjali li l-Istati Membri jkunni lesti li jivvalutaw u, fejn meħtieġ, itejbu u jsaħħu l-istrutturi ta' appoġġ eżistenti.

Fl-2020, diversi Stati Membri tal-UE (inklużi l-Bulgarija, l-Estonja u l-Litwanja), kif ukoll is-Serbja, stabbilixxew jew saħħew l-istrutturi tal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi. Madankollu, għad hemm sfidi. Dawn jinkludu, pereżempju, sfidi li jipprovdu lill-vittmi informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom; li jipprovdu pariri prattiċi u appoġġ lill-vittmi fl-użu tad-drittijiet tagħhom; u lis-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi li jinformat lill-vittmi dwar ir-rwol tagħhom fil-proċedimenti kriminali u jipprovdu appoġġ rilevanti, f'konformità mal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi.



L-OPINJONI 9.1 TAL-FRA

Jeħtieġ li l-Istati Membri tal-UE jsewgu l-impenn tagħhom li jiżguraw implimentazzjoni sħiħa u korretta tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi. Huma għandhom ukoll jiżviluppaw aktar id-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità f'konformità mal-istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-vittmi.

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri effettivi sabiex jgħinu fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-vittmi kollha għal servizzi komprensivi ta' appoġġ, li jinkludu informazzjoni, pariri u appoġġ rilevanti għad-drittijiet tal-vittmi u għar-rwol xieraq tagħhom fil-proċedimenti kriminali.

L-OPINJONI 9.2 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE li għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) huma mħeġġin jagħmlu dan.

L-FRA tkeggeg lill-Istati Membri jindirizzaw il-lakuni fil-leġislazzjoni nazzjonali dwar il-protezzjoni tan-nisa li huma vittmi ta' vjolenza, inkluż billi jiggwidaw lill-pulizija dwar il-kompitu tagħhom li jintervjenu f'każijiet ta' vjolenza konjugali, u jadottaw miżuri li jiżguraw il-protezzjoni immedjata u robusta tan-nisa kontra vittimizzazzjoni ripetuta u ritaljazzjoni.

Il-Konvenzjoni ta' Istanbul tal-Kunsill tal-Ewropa mhux biss tiddefinixxi l-istandards iżda, permezz tal-ħidma tal-korp ta' monitoraġġ tiegħu (GREVIO), tixpruna u tiggwida wkoll l-iżvilupp tad-drittijiet tan-nisa għall-protezzjoni kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u għar-rikonoxximent u għall-ġustizzja jekk jisfaw vittmi. Madankollu, sa tmiem l-2020, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja u s-Slovakkja kienu għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni.

Barra minn hekk, l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni għadha pendenti. Fuq talba tal-Parlament Ewropew, il-QĠUE ħadmet fuq opinjoni li tivvaluta jekk l-iffirmar u l-adozzjoni tal-Konvenzjoni humiex kompatibbli mat-trattati tal-UE. L-opinjoni tagħha hija mistennija fit-tieni trimestru tal-2021.



L-OPINJONI 9.3 TAL-FRA

L-UE u l-Istati Membri tagħha huma mħeġġin ikomplu jsaħħu l-isforzi u l-kollaborazzjoni tagħhom sabiex iżommu u jsaħħu l-indipendenza tal-ġudikatura bħala komponent essenzjali tal-istat tad-dritt.

Barra minn hekk, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jieħdu azzjoni fil-pront sabiex jikkonformaw bis-sħiħ mas-sentenzi rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE). L-Istati Membri huma mħeġġin ukoll li jaġixxu fil-pront fuq ir-rakkomandazzjonijiet, bħal dawk li l-Kummissjoni Ewropea toħroġ fil-proċedura tagħha tal-istat tad-dritt.

Ġudikatura indipendenti hija l-pedament tal-istat tad-dritt u tal-aċċess għall-ġustizzja (l-Artikolu 19 tat-TUE, l-Artikolu 67(4) tat-TFUE u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE). L-isfidi fil-qasam tal-ġustizzja ppersistew f'diversi Stati Membri tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-indipendenza ġudizzjarja. Fl-2020, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet l-ewwel Rapport annwali tagħha dwar l-Istat tad-Dritt. Il-kwistjoni tas-sistemi ġudizzjarji u tal-indipendenza tagħhom kienet waħda mill-erba' oqsma ta' prijorità koperti mir-rapport.

Is-sena rat ukoll l-adozzjoni tar-Regolament dwar reġim ġenerali tal-kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni. Dan isemmi b'mod espliċitu l-korruzzjoni u x-xekkil tal-indipendenza tal-ġudikatura fost l-indikaturi ta' ksur tal-istat tad-dritt.

10

ŻVILUPPI FL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-KONVENZJONI DWAR ID-DRITTIJET TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ

Il-Kummissjoni Ewropea bdiet tiżviluppa strateġija ġdida dwar id-diżabilità fl-2020, u bdiet proċess ta' konsultazzjoni li kompli matul is-sena kollha. Se tnedi strateġija ġdida fl-ewwel trimestru tal-2021. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill laħqu ftehim politiku dwar Regolament ġdid dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni li jirregola l-fondi tal-UE, li jkopri d-drittijiet ta' persuni b'diżabilità. Sadanittant, il-pandemija tal-COVID-19 xeġtet il-lenti fuq id-dmir tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jikkonformaw mal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD). L-Istati Membri introduċew firxa wiesgħa ta' miżuri li affettwaw b'mod sinifikanti d-drittijiet ta' persuni b'diżabilità. Il-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, kif ukoll l-istrutturi stabbiliti skont is-CRPD sabiex jiproteġuhom, ħadu azzjoni sabiex jiżguraw li dawn il-miżuri jikkonformaw mal-Konvenzjoni. B'mod ġenerali, il-pandemija enfasizzat l-importanza li jiġu involuti l-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom f'sitwazzjonijiet ta' riskju, u l-valur ta' strutturi nazzjonali b'saħħithom tas-CRPD.

Il-gvernijiet ħadu firxa wiesgħa ta' miżuri sabiex irażżnu t-tixrid tal-coronavirus. Uħud minn dawn il-miżuri ma kkunsidrawx bis-siġħ id-drittijiet ta' persuni b'diżabilità skont is-CRPD, b'mod partikolari l-Artikolu 4 (id-dmir li jiġu żgurati u promossi d-drittijiet ta' persuni b'diżabilità) u l-Artikolu 11 (sitwazzjonijiet ta' riskju u emerġenzi umanitarji), jew il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, b'mod partikolari l-Artikolu 21 (non-diskriminazzjoni) u l-Artikolu 26 (l-integrazzjoni tal-persuni diżabbli). Xi projbizzjonijiet fuq iż-żjarat kienu eċċessivi, il-persuni b'diżabilità ma setgħux jattendu l-iskejjel, jew kellihom f'tit wisq eżenzjonijiet mir-regoli dwar l-ilbies tal-maskri jew it-tbeġħid soċjali.



L-OPINJONI 10.1 TAL-FRA

F'konformità mas-CRPD, l-Istati Membri tal-UE, b'hal partii mill-kontrolli tagħhom fuq il-miżuri leġiżlattivi u eżekuttivi li jindirizzaw sitwazzjonijiet ta' riskju (b'hal-pandemija tal-COVID-19), għandhom jikkunsidraw l-impatt tat-tali miżuri fuq id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità u jieħdu passi sabiex jevitaw kwalunkwe impatt negattiv. Miżuri sabiex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' riskju li jistgħu jaffettwaw direttament jew indirettament id-drittijiet ta' persuni b'diżabilità għandhom ikunu pprovduti bil-liġi, mhux diskriminatorji u proporzjonati għall-għan leġittimu mfittex. F'konformità mas-CRPD u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, l-Istati Membri għandhom jinvolvu bis-sħiħ lill-persuni b'diżabilità u lill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, kif ukoll lill-korpi nazzjonali ta' monitoraġġ stabbili skont l-Artikolu 33 tas-CRPD, fl-ippjanar u fil-monitoraġġ tat-tali miżuri.

L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri tal-UE jistgħu jappoġġjaw dawn il-kontrolli billi jiffaċilitaw l-iskambju ta' prattiki promettenti, b'mod partikolari bejn il-parlamenti nazzjonali.


Il-miżuri ta' lockdown ħolqu problemi wkoll, inkluż fid-distribuzzjoni ta' ikel u ta' provvisti mediċi u tat-tindif lil persuni b'diżabilità. Il-linji gwida dwar it-triage ma kinux konformi mal-istandards tas-CRPD, u jistgħu jwasslu għat-tiċħid ta' kura intensiva li ssalva l-ħajja lil persuni b'diżabilità li kellhom l-istess possibbiltajiet ta' sopravivenza b'hal persuni mingħajr diżabilità. Barra minn hekk, il-lockdowns spiss kellhom impatt aktar negattiv fuq il-benessri mentali u fiżiku ta' persuni b'diżabilità. Il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom ta' spiss ġew injorati.

Kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni xierqa mal-persuni b'diżabilità u ta' informazzjoni għalihom dwar il-miżuri meħudin sabiex tiġi indirizzata l-pandemija, speċjalment fl-istadji bikriji tagħha, u rarament ħadu sehem fl-ippjanar ta' miżuri b'hal dawn. Xi Stati Membri tal-UE ħadmu sabiex jiżguraw involviment akbar ta' persuni b'diżabilità fl-ippjanar u fil-monitoraġġ ta' miżuri b'hal dawn fil-futur. Dan jista' jgħin sabiex jitnaqqas ir-riskju li l-miżuri futuri jiksru s-CRPD.

L-OPINJONI 10.2 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jikkomunikaw ir-reazzjonijiet għal emerġenza tagħhom b'mod kompletament aċċessibbli. Huma għandhom jimplementaw bis-sħiħ id-direttivi rilevanti tal-UE, b'hal-Direttiva riveduta dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva u d-Direttiva dwar l-Aċċessibilità tal-Web. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni billi jużaw mezzi u formati xierqa – pereżempju, sottotitoli, interpretazzjoni tas-sinjali, u lingwaġġ li jinqara faċilment.

Il-pandemija wriet li l-istrateġiji ta' komunikazzjoni tal-Istati Membri matul kriżijiet rarament jagħmlu l-informazzjoni kollha dwar l-emerġenzi aċċessibbli bis-sħiħ. L-informazzjoni matul il-pandemija mhux dejjem kienet ippreżentata b'mezzi u f'formati li kienu jippermettu lill-persuni b'diżabilità jkollhom aċċess għaliha, anki jekk dan huwa meħtieġ skont id-dritt tal-UE, li jinkludi d-Direttiva riveduta dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (2018/1808) u d-Direttiva dwar l-Aċċessibilità tal-Web (2016/2102).





Il-pandemija enfasizzat il-ħtieġa urġenti għad-deistituzzjonalizzazzjoni. Uriet mhux biss li l-persuni b'diżabilità huma f'riskju fiżiku akbar f'din il-pandemija partikolari, iżda wkoll li l-benessri mentali tagħhom jinsab f'riskju akbar meta jkunu f'kuntatti istituzzjonalizzati, minħabba l-iżolament u n-nuqqas ta' kuntatt soċjali li jirriżultaw minnha.

L-Artikolu 19 tas-CRPD jirrikjedi d-deistituzzjonalizzazzjoni, u l-istrateġija Ewropea l-ġdida dwar id-diżabilità x'aktarx li tinkludiha. Id-dħul fis-seħħ tar-Regolament il-ġdid dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni u t-tnedija tal-istrateġija dwar id-diżabilità se jżidu l-pressjoni sabiex jitlestha l-proċess ta' deistituzzjonalizzazzjoni.




L-OPINJONI 10.3 TAL-FRA

F'konformità mal-Artikolu 19 tas-CRPD u bħala parti mill-istrateġija Ewropea l-ġdida dwar id-diżabilità, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jaċċelleraw b'mod urġenti l-isforzi tagħhom sabiex jiksbu d-deistituzzjonalizzazzjoni, inkluż permezz tal-użu xieraq tal-fondi tal-UE sabiex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jgħixu b'mod indipendenti u jkunu inklużi fil-komunità.



Is-sena 2020 gábet magħha kemm progress kif ukoll ostakli f'termini ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Ir-*Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2021* tal-FRA jirrieżamina l-iżviluppi prinċipali fl-UE bejn Jannar u Diċembru 2020, u jagħti deskrizzjoni tal-opinjoni tal-FRA dwar dawn. Filwaqt li jinnota kemm il-kisbiet kif ukoll l-oqsma ta' tħassib li għad fadal, dan jipprovdi tagħrif dwar il-kwistjonijiet ewlenin li jsawru d-dibattiti dwar id-drittijiet fundamentali fl-UE kollha.



L-enfasi ta' din is-sena hija mixħuta fuq il-pandemija tal-Coronavirus u fuq l-impatt tagħha fuq id-drittijiet fundamentali. Il-bqija tal-kapitoli jiddiskutu l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE; l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni; ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata; l-integrazzjoni tar-Rom; l-ażil u l-migrazzjoni; is-soċjetà tal-informazzjoni, il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*; id-drittijiet tat-tfal; l-aċċess għall-ġustizzja; u l-iżviluppi fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.



NIPROMWOVU U NIPPROTEĠU D-DRITTJIET FUNDAMENTALI TIEGĦEK FL-UE KOLLHA —

Għal *Fundamental Rights Report 2021* (Rapport dwar id-Drifttijiet Fundamentali 2021) tal-FRA fis-sħuħija tiegħu – ara

<https://fra.europa.eu/en/publication/2021/fundamental-rights-report-2021>

Ara wkoll il-pubblikazzjonijiet relatati tal-FRA:

- FRA (2021), *Rapport dwar id-Drifttijiet Fundamentali 2021 – Opinjonijiet tal-FRA*, Il-Lussemburgu, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, <https://fra.europa.eu/en/publication/2021/fundamental-rights-report-2021-fra-opinions> (disponibbli fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE)
- FRA (2021), *The Coronavirus pandemic and fundamental rights: a year in review (Il-pandemija tal-Coronavirus u d-drifttijiet fundamentali: sena taħt rieżami)*, Il-Lussemburgu, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, <https://fra.europa.eu/en/publication/2021/coronavirus-pandemic-focus> (disponibbli bl-Ingliż u bil-Franċiż)

Rapporti Annwali preċedenti tal-FRA dwar l-isfidi u l-kisbiet relatati mad-drifttijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea għadhom disponibbli fuq is-sit web tal-FRA (disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż).

AKTAR INFORMAZZJONI



FRA – L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAD-DRITTJIET FUNDAMENTALI

Schwarzenbergplatz 11 – 1040 Vjenna – L-Awstrija

T +43 158030-0 – F +43 158030-699

fra.europa.eu

 facebook.com/fundamentalrights

 linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency

 twitter.com/EURightsAgency



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjo
tal-Unjoni Ewropea